Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14840/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0328 (NLE)**

**MAR 171**
**OMI 70**
**TELECOM 500**
**DIGIT 271**
**EU-GNSS 37**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Ottubru 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 578 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-112-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva u abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R). |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 578 final.

Mehmuż: COM(2026) 578 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2026
COM(2026) 578 final

2026/0328 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-112-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva u abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-112-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, skedata li ssir mill-14 sat-18 ta' Diċembru 2026.

Matul il-112-il sessjoni tiegħu, l-MSC għandu jadotta:

(a) emendi tal-Kapitolu V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS") tal-1974, li mistennija jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2032.

(b) abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva.

(c) abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Konvenzjoni SOLAS

Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tistabbilixxi l-OMI. L-għan tal-OMI hu li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u tal-prattiki relatati mal-kwistjonijiet tekniċi ta' kull tip li jaffettwaw it-tbaħħir involut fil-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tħeġġeġ l-adozzjoni ġenerali tal-aqwa standards prattikabbli fil-kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, l-effiċjenza tan-navigazzjoni u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, filwaqt li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi. Tittratta wkoll il-kwistjonijiet amministrattivi u legali relatati.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni. L-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjoni.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS") tal-1974, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 1980. L-Unjoni ma hijiex parti għas-SOLAS.

### 2.2. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tagħha

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u għas-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri. Hija l-awtorità li tistabbilixxi l-istandards globali għas-sikurezza, għas-sigurtà u għall-prestazzjoni ambjentali tat-tbaħħir internazzjonali. Ir-rwol prinċipali tagħha huwa li toħloq qafas regolatorju għall-industrija tat-tbaħħir li jkun ġust u effettiv, u li dan jiġi adottat u implimentat b'mod universali.

Is-sħubija fl-OMI hija miftuħa biss għall-Istati. L-Istati Membri tal-UE kollha huma membri tal-OMI. Għalkemm l-UE ma hijiex membru, illum ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea

mal-OMI huma bbażati fuq ir-Riżoluzzjoni A.1168(32) tal-OMI li tippreskrivi l-proċeduri u t-termini għall-kooperazzjoni bejn l-OMI u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi. Abbażi ta' din ir-Riżoluzzjoni tal-OMI u arranġamenti ulterjuri mill-1974, il-Kummissjoni Ewropea qed tipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat kollha tal-Kumitat u tas-Sottokumitat tal-OMI.

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC) tal-OMI huwa magħmul mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena. Dan jittratta kwalunkwe kwistjoni fl-ambitu tal-Organizzazzjoni relatata mal-għajnuniet għan-navigazzjoni, mal-kostruzzjoni u mat-tagħmir tal-bastimenti, mal-persunal mil-lat ta' sikurezza, mar-regoli għall-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet, mal-ġarr ta' merkanzija perikoluża, mal-proċeduri u mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, mal-informazzjoni idrografika, mal-ġurnali ta' abbord u mar-reġistri tan-navigazzjoni, mal-investigazzjoni ta' diżgrazzji marittimi, mal-għoti tal-għajnuna u mas-salvataġġ, u ma' kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa direttament is-sikurezza marittima.

Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni tal-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI jipprovdi mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilu mill-Konvenzjoni tal-OMI, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew ta' kwalunkwe dmir fl-ambitu msemmi hawn fuq li jista' jiġi assenjat lilu minn jew skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, u tal-korpi sussidjarji tiegħu, huma adottati b'maġġoranza tal-Membri tagħhom.

## 2.3. L-atti previsti tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI

Matul il-112-il sessjoni tiegħu, huwa previst li l-MSC jadotta:

(a) emendi tal-Kapitolu V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS") tal-1974, li mistennija jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2032.

Dawn l-emendi għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu VIII(b)(iv) tal-Konvenzjoni SOLAS. Ladarba jkunu daħlu fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu VIII tal-Konvenzjoni, l-emendi tal-Kapitolu V tas-SOLAS ikunu legalment vinkolanti fuq il-Gvernijiet Kontraenti li għalihom japplikaw.

L-għan tal-emendi previsti huwa li jintroduċu l-politika mingħajr ħlas għall-forniment tar-rapporti dwar il-pożizzjoni regolari ta' kull sitt sigħat tas-sistema ta' Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod (LRIT) lill-Istati kostali intitolati.

(b) abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva.

L-għan tar-reviżjoni prevista tal-abbozz ta' riżoluzzjoni huwa li s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali permezz tas-servizz ta' kollegament ta' ritorn SAR/Galileo jipprovdi mezz għal komunikazzjoni bażika bejn il-persunal marittimu f'sitwazzjoni ta' periklu u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, filwaqt li jtejjeb is-sistema marittima ta' twissija dwar periklu.

(c) abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).

L-għan tal-abbozz ta' riżoluzzjoni previst huwa li jtejjeb is-sikurezza marittima billi jindirizza l-falliment tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) permezz ta' sistema ta' kontinġenza tal-GNSS, bħall-modalità R tas-Sistema ta' Skambju tad-Data bil-VHF (VDES).

## 3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

### 3.1. Emendi tar-Regolament SOLAS V/19–1

Matul il-110 sessjoni tiegħu, l-MSC qabel li fl-aġenda tal-Kumitat għas-sentejn 2026–2027 u fl-aġenda proviżorja għas-sessjoni 111 jinkludi output dwar "Rieżami tal-arkitettura finanzjarja tas-sistema LRIT". L-MSC 110 qabel li l-MSC 111 kien se jistabbilixxi grupp tekniku biex jikkunsidra r-rieżami tal-arkitettura finanzjarja tas-sistema tal-LRIT u soġġett għall-eżitu tad-diskussjonijiet fl-MSC 111, l-MSC kellu jiddeċiedi kif jipproċedi bl-iżvilupp tal-emendi tar-Regolament SOLAS V/19–1.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-introduzzjoni ta' dan l-output il-ġdid.

Matul il-111-il sessjoni tiegħu l-MSC ikkunsidra diversi sottomissjonijiet mill-Partijiet tal-OMI u ddeċieda li jistabbilixxi Gruppi ta' Ħidma dwar l-Arkitettura Finanzjarja tas-Sistema LRIT. L-MSC 111 ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma fost l-oħrajn biex jagħti pariri dwar kif wieħed għandu jipproċedi bl-iżvilupp tal-emendi tar-Regolament SOLAS V/19–1. Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Arkitettura Finanzjarja tas-Sistema LRIT, l-MSC 111 approva l-abbozz ta' emendi tar-Regolament SOLAS V/19–1 rigward l-introduzzjoni tal-politika mingħajr ħlas għall-forniment ta' rapporti perjodiċi standard dwar il-pożizzjoni tal-LRIT lill-Istati kostali intitolati, bil-ħsieb li jiġu adottati fl-MSC 112 u jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2032. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5222 tal-11 ta' Ġunju 2026.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 111 kienet li tappoġġa fil-prinċipju li tittieħed deċiżjoni ta' politika mill-MSC 111 favur it-tqegħid għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas tar-rapporti regolari ta' kull sitt sigħat dwar il-pożizzjoni tal-LRIT għall-Istati kostali intitolati li jirċievu tali informazzjoni u li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma fl-MSC 111 biex jikkunsidra s-sottomissjonijiet ippreżentati taħt dan il-punt tal-aġenda.

Għandu jiġi mfakkar ukoll li l-MSC 111 stieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li titlob lill-operatur tal-IDE (l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima) iwettaq, taħt il-koordinazzjoni tal-Korp ta' Governanza tal-LRIT Operazzjonali, ittestjar tal-prestazzjoni tal-IDE biex jivverifika l-kapaċità operazzjonali u l-prestazzjoni tiegħu fit-trattament taż-żieda mistennija fil-messaġġi li se jiġu skambjati bejn iċ-Ċentri tad-Data tal-LRIT bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-mudell tal-kostijiet il-ġdid. Il-Kummissjoni tinnota li tali ttestjar jinsab għaddej u r-riżultati tiegħu se jiġu rrapportati lill-MSC 112.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa dawn l-emendi minħabba li se tinkiseb sensibilizzazzjoni marittima globali aktar effettiva. Kull Stat kostali se jkun jista' jimmonitorja l-ilmijiet tiegħu sa ċertu punt, u b'hekk dan jippermetti rispons aktar rapidu għall-inċidenti u appoġġ aħjar għall-investigazzjonijiet u l-analiżi.

Id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità, kif emendata (id-Direttiva VTMIS)[1], fl-Artikolu 6b tagħha tobbliga lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni jikkooperaw biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-twaħħil ta' tagħmir għat-trażmissjoni ta' informazzjoni LRIT abbord vapuri li jbaħħru f'ilmijiet koperti minn stazzjonijiet fissi tal-Istati Membri tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS), u biex jissottomettu lill-IMO kwalunkwe miżura xierqa, kif ukoll biex jistabbilixxu Ċentru Ewropew tad-Data LRIT (EU LRIT DC). Barra minn hekk, is-SafeSeaNet, stabbilita mill-istess Direttiva, tippermetti d-distribuzzjoni fost l-

---

[1] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE. ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.

Istati Membri tal-informazzjoni LRIT riċevuta f'konformità mal-Artikolu 6b ta' dik id-Direttiva.

Is-suġġett tal-emendi previsti jikkonċerna qasam li għalih l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, peress li l-atti previsti jistgħu "[jolqtu] xi regoli komuni jew [ibiddlu] l-kamp tal-applikazzjoni tagħhom". Għalhekk, l-emendi tar-Regolament SOLAS V/19–1 li jikkonċernaw l-LRIT jistgħu jaffettwaw b'mod deċiżiv ir-rekwiżiti applikabbli skont id-Direttiva 2002/59/KE.

**3.2. Abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva**

Matul il-107 sessjoni tiegħu, l-MSC qabel li jinkludi fl-aġenda postbiennali tiegħu output dwar "L-iżvilupp ta' linji gwida għall-EPIRBs li jimplimentaw is-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali permezz tas-servizz ta' kollegament ta' ritorn SAR/Galileo bħala komplement għall-istandards ta' prestazzjoni tal-EPIRB (ir-riżoluzzjoni MSC.471 (101))", b'żewġ sessjonijiet meħtieġa biex jitlesta l-punt, filwaqt li s-Sottokumitat dwar in-Navigazzjoni, il-Komunikazzjoni u t-Tfittxija u s-Salvataġġ (NCSR) jiġi assenjat bħala l-organu assoċjat. L-Unjoni kienet issottomettiet it-talba għal dan l-output il-ġdid u għalhekk il-pożizzjoni tagħha fl-MSC 107 kienet li tappoġġa l-introduzzjoni tal-output il-ġdid.

Matul it-13-il sessjoni tiegħu, l-NCSR ikkunsidra għadd ta' dokumenti inkluża sottomissjoni mill-Unjoni (id-dokument NCSR 13/8 mill-Awstrija *et al.*), li jippreżentaw is-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali offrut mill-Kollegament ta' Ritorn Galileo u li jipproponu abbozzi ta' emendi tar-riżoluzzjoni MSC.471(101) dwar l-Istandards ta' Prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz biex jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala karatteristika fakultattiva tal-EPIRB. L-NCSR 13 ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma tiegħu biex jikkunsidra fost l-oħrajn l-abbozzi ta' emendi tar-riżoluzzjoni MSC.471(101) li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva. Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma, l-NCSR 13 qabel dwar l-abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva, bil-ħsieb li tiġi adottata mill-MSC 112. L-abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 ġie ċċirkolat mis-Segretarjat tal-OMI permezz tad-dokumenti MSC 112/10 u NCSR 13/18/Add.1.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-NCSR 13 kienet li tappoġġa b'mod attiv l-abbozzi ta' emendi tal-istandards ta' prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) (Riżoluzzjoni MSC. 471(101)) biex jiġi inkluż is-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali offrut mill-kollegament ta' ritorn ta' Galileo fuq is-sinjalaturi Cospas-Sarsat.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 minħabba li dan is-servizz il-ġdid huwa mistenni li jtejjeb l-operazzjonijiet tas-servizzi tas-SAR li jirriżultaw fi tweġibiet ta' salvataġġ aktar effiċjenti u f'waqthom. Is-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali permezz tas-servizz ta' kollegament ta' ritorn SAR/Galileo se jipprovdi mezz għal komunikazzjoni bażika bejn il-persunal marittimu f'sitwazzjoni ta' periklu u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, filwaqt li jtejjeb is-sistema marittima ta' twissija dwar periklu.

Ir-Regolament (UE) 2021/696[2] jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (l-Artikolu 1). Il-programm jinkludi l-politika Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita li tipprovdi lill-Unjoni b'żewġ sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita: Is-sistema stabbilita skont il-programm Galileo (l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) 2021/696) u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) (l-Artikolu 3(1)(b) tiegħu).

Skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2021/696, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, inklużi Galileo u EGNOS. L-għan tal-programm Galileo huwa li jistabbilixxi u jħaddem l-ewwel infrastruttura globali ta' navigazzjoni u ta' pożizzjonament bis-satellita, maħsuba speċifikament għal skopijiet ċivili, li tista' tintuża minn sensiela ta' atturi pubbliċi u privati fl-Ewropa u fid-dinja kollha.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, l-istandards tal-ġarr u tal-prestazzjoni tal-EPIRBs huma rregolati mill-entrata MED/5.6 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434[3], li tinkludi r-Riżoluzzjoni MSC. 471(101). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fih ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar. Huwa bbażat fuq l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tindika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni kif ukoll l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE dwar it-tagħmir tal-baħar[4], f'konformità mal-Artikolu 35(2) tagħha.

Is-suġġett tal-emendi previsti jikkonċerna qasam li għalih l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, peress li l-atti previsti jistgħu "[ibiddlu] l-kamp tal-applikazzjoni [tar-regoli komuni]". Għalhekk, l-abbozz tar-riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva, jista' jaffettwa b'mod deċiżiv ir-rekwiżiti applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2021/696, id-Direttiva 2014/90/UE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434.

### 3.3. Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R)

Matul il-110 sessjoni tiegħu, l-MSC ikkunsidra s-sottomissjoni tal-Unjoni (id-dokument MSC 109/19/2 mill-Awstrija *et al.*), filwaqt li ppropona output ġdid biex jiġu żviluppati standards ta' prestazzjoni għall-modalità ta' kejl tad-distanza (Modalità R) fir-riċevituri tar-

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE; ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69.

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434 tat-30 ta' Ġunju 2026 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1533. ĠU L, 2026/1434, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1434/oj

[4] Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE. ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146. http://data.europa.eu/eli/dir/2014/90/oj

radjunavigazzjoni u qabel li jinkludi dan il-punt fl-aġenda tas-Sottokumitat tal-NCSR, filwaqt li assenja s-Sottokumitat tal-NCSR bħala l-organu assoċjat.

Matul it-13 sessjoni tiegħu, l-NCSR ikkunsidra għadd ta' dokumenti li jinkludu sottomissjoni mill-Unjoni (id-dokument NCSR 13/13/1 mill-Awstrija *et al.*), li jipproponu abbozz ta' standards tal-prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur abbord il-vapur tal-modalità R, maħsub għal skopijiet ta' navigazzjoni fuq il-vapuri, li jipprovdi data dwar il-pożizzjonament, in-navigazzjoni u l-ħin, bħala sistema alternattiva jew komplementari għas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS). L-NCSR 13 ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma tiegħu biex iħejji abbozz tal-istandards tal-prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur abbord il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R). Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma, l-NCSR 13 qabel mal-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards tal-prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur abbord il-vapur tal-modalità R, bil-ħsieb li jiġi adottat mill-MSC 112. L-abbozz ta' riżoluzzjoni ġie ċċirkolat mis-Segretarjat tal-OMI permezz tad-dokumenti MSC 112/10 u NCSR 13/18/Add.1.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-NCSR 13 kienet li tappoġġa b'mod attiv l-abbozz tal-istandards tal-prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur abbord il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni għax se jtejjeb is-sikurezza marittima billi jindirizza l-falliment tal-GNSS permezz ta' sistema ta' kontinġenza għall-GNSS, bħall-modalità R tas-Sistema ta' Skambju tad-Data bil-VHF (VDES). L-użu kkombinat tal-GNSS u tal-Modalità R se jirriżulta f'reżiljenza mtejba f'termini ta' akkuratezza, disponibbiltà, u integrità, u se jipprovdi reżiljenza tas-soluzzjoni tal-Pożizzjoni, tal-Veloċità u tal-Ħin (PVT) meta mqabbla mal-użu ta' sistema ta' navigazzjoni awtonoma bbażata fuq il-GNSS.

It-tagħmir tan-navigazzjoni, inklużi r-riċevituri tal-baħar tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), huwa elenkat fit-Taqsima 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fih ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar. Huwa bbażat fuq l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tindika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni kif ukoll l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE dwar it-tagħmir tal-baħar, f'konformità mal-Artikolu 35(2) tagħha.

Is-suġġett tal-emendi previsti jikkonċerna qasam li għalih l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, peress li l-atti previsti jistgħu "[ibiddlu] l-kamp tal-applikazzjoni [tar-regoli komuni]". Għalhekk, l-abbozz tar-riżoluzzjoni dwar l-istandards tal-prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur abbord il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R) jista' jaffettwa b'mod deċiżiv ir-rekwiżiti applikabbli skont id-Direttiva 2014/90/UE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434.

## 4. Bażi legali

### 4.1. Bażi legali proċedurali

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-atti previsti li l-MSC 112 tal-OMI huwa mitlub jadotta se jipproduċu effetti legali skont il-Konvenzjoni SOLAS għall-Istati Membri. L-atti previsti kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri:

– Id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità. Dan għaliex fl-Artikolu 6b tagħha, id-Direttiva 2002/59/KE tobbliga lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni jikkooperaw biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-twaħħil ta' tagħmir għat-trażmissjoni ta' informazzjoni LRIT abbord vapuri li jbaħħru f'ilmijiet koperti minn stazzjonijiet fissi tal-Istati Membri tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS), u biex jissottomettu lill-IMO kwalunkwe miżura xierqa, kif ukoll biex jistabbilixxu Ċentru Ewropew tad-Data LRIT (EU LRIT DC). Barra minn hekk, is-SafeSeaNet, stabbilita mill-istess Direttiva, tippermetti d-distribuzzjoni fost l-Istati Membri tal-informazzjoni LRIT riċevuta f'konformità mal-Artikolu 6b ta' dik id-Direttiva.

– Ir-Regolament (UE) 2021/696 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali. Dan għaliex il-programm jinkludi l-politika Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita li tipprovdi lill-Unjoni b'żewġ sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita: Is-sistema stabbilita skont il-programm Galileo (l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) 2021/696) u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) (l-Artikolu 3(1)(b) tiegħu). Skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2021/696, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali Ewropew, inklużi Galileo u EGNOS. L-għan tal-programm Galileo huwa li jistabbilixxi u jħaddem l-ewwel infrastruttura globali ta' navigazzjoni u ta' pożizzjonament bis-satellita, maħsuba speċifikament għal skopijiet ċivili, li tista' tintuża minn sensiela ta' atturi pubbliċi u privati fl-Ewropa u fid-dinja kollha.

– Id-Direttiva 2014/90/UE dwar tagħmir tal-baħar u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434. Dan għaliex ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434, fit-Taqsima 4 tal-Anness tiegħu, jinkludi tagħmir tan-navigazzjoni li jinkludi riċevituri tal-baħar tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) u se jinkorpora l-abbozz tar-riżoluzzjoni dwar l-istandards tal-prestazzjoni għat-tagħmir tar-riċevitur tal-Modalità R. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1434 fit-Taqsima 5 tal-Anness tiegħu, jinkludi r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, l-istandards tal-ġarr u tal-prestazzjoni tal-EPIRBs u se jinkorpora r-Riżoluzzjoni MSC riveduta. 471(101) dwar l-istandards tal-prestazzjoni għall-EPIRBs.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 4.2. Bażi legali sostantiva

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mat-trasport marittimu.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

### 4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2026/0328 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-112-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva u abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

(2) L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u għas-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja mill-vapuri. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-OMI. L-Unjoni mhijiex membru tal-OMI.

(3) Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima jipprovdi mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilu f'konformità ma' dik il-Konvenzjoni, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew ta' kwalunkwe dmir fl-ambitu ta' dak l-Artikolu li jista' jiġi assenjat lill-Kumitat tas-Sikurezza Marittima skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI. Waqt il-112-il sessjoni tiegħu l-MSC se jadotta emendi f'konformità mal-Artikolu VIII(b)(iv) tal-Konvenzjoni SOLAS u mal-Artikolu VI(2)(d) tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988.

(4) Fil-112-il sessjoni tiegħu, mill-14 sat-18 ta' Diċembru 2026, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI għandu jadotta emendi tal-Kapitolu V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva u abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R). L-atti previsti tal-MSC, jekk

jiġu adottati, se jipproduċu effetti legali għall-Istati Membri li huma partijiet għall-IMO u li huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tar-regoli tal-Unjoni.

(5) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul l-MSC 112.

(6) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi tal-Kapitolu V tas-SOLAS minħabba li se tinkiseb sensibilizzazzjoni marittima globali aktar effettiva. Kull Stat kostali se jkun jista' jimmonitorja l-ilmijiet tiegħu sa ċertu punt, u b'hekk dan jippermetti rispons aktar rapidu għall-inċidenti u appoġġ aħjar għall-investigazzjonijiet u l-analiżi.

(7) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-EPIRBs minħabba li dan is-servizz il-ġdid huwa mistenni li jtejjeb l-operazzjonijiet tas-servizzi tas-SAR li jirriżultaw fi tweġibiet ta' salvataġġ aktar effiċjenti u f'waqthom. Is-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali permezz tas-servizz ta' kollegament ta' ritorn SAR/Galileo se jipprovdi mezz għal komunikazzjoni bażika bejn il-persunal marittimu f'sitwazzjoni ta' periklu u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, filwaqt li jtejjeb is-sistema marittima ta' twissija dwar periklu.

(8) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-Modalità R għaliex se jtejjeb is-sikurezza marittima billi jindirizza l-falliment tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) permezz ta' sistema ta' kontinġenza tal-GNSS, bħall-modalità R tas-Sistema ta' Skambju tad-Data bil-VHF (VDES). L-użu kkombinat tal-GNSS u tal-Modalità R se jirriżulta f'reżiljenza mtejba f'termini ta' akkuratezza, disponibbiltà, u integrità, u se jipprovdi reżiljenza tas-soluzzjoni tal-Pożizzjoni, tal-Veloċità u tal-Ħin (PVT) meta mqabbla mal-użu ta' sistema ta' navigazzjoni awtonoma bbażata fuq il-GNSS.

(9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma rappreżentati fl-MSC tal-OMI, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-112-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI"), għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni ta' emendi tal-Kapitolu V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, mal-abbozz ta' riżoluzzjoni MSC.471(101)/Rev.1 dwar l-istandards tal-prestazzjoni għas-Sinjalaturi tar-Radju b'Rilaxx Awtomatiku fl-Ilma għall-Indikazzjoni tal-Pożizzjoni f'Emerġenza (EPIRBs) li joperaw fuq il-frekwenza 406 MHz, li jintroduċu s-servizz ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bħala funzjonalità fakultattiva u mal-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għat-tagħmir riċevitur ta' fuq il-vapur tal-modalità tal-kejl tad-distanza (Modalità R).

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma rappreżentati fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*